



Brussell, 16 ta' Novembru 2018
(OR. en)

14253/18

Fajl Interistituzzjonali:
2008/0140 (CNS)

SOC 703
ANTIDISCRIM 28
MI 833
JAI 1129
FREMP 195

RAPPORT

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti / Kunsill
Nru. dok. preċ.: 12677/18	
Nru dok. Cion:	11531/08 SOC 411 JAI 368 MI 246 - COM(2008) 426 final
Suġġett:	Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali - Rapport ta' Progress

I. INTRODUZZJONI

Fit-2 ta' Lulju 2008, il-Kummissjoni adottat proposta għal Direttiva tal-Kunsill bil-għan li testendi l-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni abbażi ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali għal oqsma lil hinn mill-impjieg. Waqt li tikkomplementa l-leġislazzjoni eżistenti tal-KE¹ f'dan il-qasam, id-Direttiva orizzontali proposta dwar it-trattament ugwali tipprojbixxi d-diskriminazzjoni għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq fl-oqsma li ġejjin: il-protezzjoni soċjali, inkluż is-sigurtà soċjali u l-kura tas-saħħa; l-edukazzjoni; u l-aċċess għall-oġġetti u s-servizzi, inkluża l-akkomodazzjoni.

¹ B'mod partikolari, id-Direttivi tal-Kunsill 2000/43/KE, 2000/78/KE u 2004/113/KE.

Maġġoranza kbira tad-delegazzjonijiet laqgħet il-proposta fil-prinċipju, b'bosta minnhom japprovaw il-fatt li l-għan tagħha hu li tikkompleta l-qafas legali eżistenti billi tindirizza l-erba' raġunijiet ta' diskriminazzjoni kollha permezz ta' approċċ orizzontali.

Il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet affermat l-importanza tal-promozzjoni tat-trattament ugwali bħala valur soċjali kondiviż fl-UE. B'mod partikolari, diversi delegazzjonijiet issottolinjaw is-sinifikat tal-proposta fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità(UNCRPD). Madankollu, xi delegazzjonijiet kienu jippreferu dispożizzjonijiet aktar ambizzjużi fir-rigward tad-diżabilità.

Waqf li enfasizzaw l-importanza tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, fl-imġhod, xi delegazzjonijiet kellhom dubji dwar il-ħtieġa għall-proposta tal-Kummissjoni, li huma qisuha bħala vjolazzjoni tal-kompetenza nazzjonali għal ċerti kwistjonijiet u konfliġġenti mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Xi delegazzjonijiet komplew jesprimu d-dubji tagħhom dwar jekk fil-kamp ta' applikazzjoni għandhomx jiġu inklużi l-protezzjoni soċjali u l-educazzjoni.

Xi delegazzjonijiet talbu wkoll kjarifiki u esprimew tħassib relatat, b'mod partikolari, man-nuqqas ta' ċertezza legali, it-tqassim tal-kompetenzi, u l-impatt prattiku, finanzjarju u legali tal-proposta.

Żewġ delegazzjonijiet żammew riżerva ġenerali dwar il-proposta kif inhi.

Għalissa, id-delegazzjonijiet kollha żammew riżervi ta' skrutinju dwar it-test.

CZ, DK, MT u UK żammew riżervi ta' skrutinju parlamentari. Il-Kummissjoni affermat il-proposta oriġinali tagħha f'dan l-istadju u żammet riżerva ta' skrutinju dwar kwalunkwe bidla fiha.

Il-Parlament Ewropew adotta l-Opinjoni tiegħu fit-2 ta' April 2009² skont il-Proċedura ta' Konsultazzjoni. Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru 2009, il-proposta issa taqa' taħt l-Artikolu 19 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea; għaldaqstant tinħtieġ l-unanimità fil-Kunsill, wara l-*approvazzjoni* tal-Parlament Ewropew.

² Ara d-dok. A6-0149/2009. Ulrike Lunacek (AT/LIBE/Grupp tal-Ħodor/Alleanza Ħielsa Ewropea) inġatret Rapporteur mill-Parlament attwali.

II. IL-ĦIDMA TAL-KUNSILL TAĦT IL-PRESIDENZA AWSTRIJAKA

Il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali kompli jeżamina l-proposta,³ abbażi ta' suġġerimenti ta' abbozzar tal-Presidenza⁴ b'fokus fuq diversi kwistjonijiet inkluż id-diskriminazzjoni multipla, id-dispożizzjonijiet dwar id-diżabilità, id-diskriminazzjoni b'suppożizzjoni u l-penali. Id-delegazzjonijiet ġew mistiedna wkoll jindikaw kwalunkwe nota ta' qieġh il-paġna li tista' titneħħa mit-test konsolidat annotat.

a) Diskriminazzjoni Multipla (l-Artikoli 2(2) u 2(3-a) u l-Premessa 12ab)

L-abbozz ta' Direttiva fih dispożizzjonijiet dwar id-diskriminazzjoni multipla, li tista' ssir anke meta sitwazzjoni ma tagħtix lok għal diskriminazzjoni jekk r-raġunijiet jittqiesu separatament. Madankollu, il-Presidenza ssuġġeriet li jitneħħew mid-dispożizzjonijiet ir-raġunijiet ta' diskriminazzjoni koperti f'Direttivi oħra (sess u razza jew oriġini etnika⁵), biex f'din id-Direttiva id-diskriminazzjoni multipla tkun koperta biss fir-rigward tar-raġunijiet imsemmijin fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Ċerti delegazzjonijiet iddispjaċihom dwar din ir-restrizzjoni tal-kunċett ta' diskriminazzjoni multipla. Oħrajn tennew id-dubji tagħhom dwar l-inklużjoni tal-kunċett ta' diskriminazzjoni multipla fit-test. Madankollu, il-Grupp ta' Ħidma qabel b'mod ġenerali mal-inklużjoni tad-diskriminazzjoni multipla fuq il-bażi issuġġerita mill-Presidenza.

b) Dispożizzjonijiet dwar id-diżabilità

Il-Presidenza rfinat id-dispożizzjonijiet dwar id-diżabilità; il-bidliet issuġġeriti ġew appoġġati b'mod ġenerali mill-Grupp ta' Ħidma. Madankollu, għadd ta' aspetti jirrikjedu eżami ulterjuri.

(i) Differenzi proporzjonati ta' trattament għal raġunijiet ta' diżabilità (l-Artikolu 2(7)(b) u l-Premessa 15a)

³ Il-laqgħat saru fil-25 ta' Lulju u l-1 ta' Ottubru.

⁴ Id-dokumenti 10530/18 u 12077/18.

⁵ Dawn ir-raġunijiet huma rikonoxxuti fid-Direttiva 2004/113/KE u fid-Direttiva 2000/43/KE.

Il-Presidenza fittxet li tiċċara l-portata tal-eżenzjoni li tippermetti differenzi proporzjonati ta' trattament għal raġunijiet ta' diżabilità billi ssir distinzjoni bejn *diżabilità* u *kundizzjoni tas-saħħa*.

Ċerti delegazzjonijiet ma setgħux jaċċettaw il-formulazzjoni ssuġġerita u ppreferew il-formulazzjoni użata fil-verżjoni preċedenti tat-test għar-raġuni li "diżabilità" u "kundizzjoni tas-saħħa" għandhom jiġu ttrattati bħala kriterji separati u mhux imħalltin flimkien.

(ii) Akkomodazzjoni raġonevoli (l-Artikolu 4a u l-Premessa 20ab)

Il-Presidenza fittxet li tiċċara l-kunċett ta' "akkomodazzjoni raġonevoli" fir-rigward tal-UNCRPD.

Delegazzjoni waħda ħasset li l-inklużjoni tal-kunċett "akkomodazzjoni raġonevoli" fit-test ikkawża inċertezza legali peress li ma kienx definit u ppreferiet li t-terminu jitneħħa għalkollox.

(iii) Aċċessibbiltà u akkomodazzjoni raġonevoli (l-Artikolu 4b u l-Premessa 19b)

Il-Presidenza fittxet li tiċċara t-test biż-żieda ta' eżempji ġodda li jiddeskrivu l-kriterji għall-valutazzjoni tal-kunċett ta' *piż sproporzjonat*. Diversi delegazzjonijiet ħassew il-hteġa ta' kjarifika u ħidma ulterjuri fuq it-test. Ċerti delegazzjonijiet kellhom dubji dwar l-inklużjoni ta' lista miftuħa estensiva ta' eżempji, filwaqt li oħrajn ħassew li l-eżempji mogħtija aħjar jitpoġġew fil-premessi. Oħrajn issuġġerew ukoll li tiġi allinjata l-formulazzjoni mad-dispożizzjonijiet korrispondenti fl-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà.⁶

(iv) Premessi

Il-Presidenza ssuġġeriet ukoll li jiġu riveduti għadd ta' premessi, speċjalment bil-ħsieb li t-test jiġi allinjat mal-UNCRPD.

⁶ Fajl interistituzzjonali 2015/0278(COD).

(c) **Diskriminazzjoni b'suppożizzjoni (Premessa 12)**

Il-Presidenza żiedet premessa li tispjega d-diskriminazzjoni b'suppożizzjoni, "li ssir meta persuna tiġi ttrattata b'mod inqas favorevoli jew tiġi molestata minħabba reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali li huwa jew hija jkunu perċepiti li għandhom," irrispettivament minn jekk is-suppożizzjoni dwar il-persuna tkunx korretta. Delegazzjoni waħda ħasset li din il-kwistjoni aħjar titħalla f'idejn il-qrati u m'għandhiex tiġi inkluża fid-Direttiva.

(d) **Penali (l-Artikolu 14 u l-Premessa 29)**

Il-Presidenza sostitwiet it-terminu "sanzjonijiet" bit-terminu "penali" f'konformità mal-prattika stabbilita tal-abbozzar.

Aktar dettalji dwar il-pożizzjonijiet tad-delegazzjonijiet jinsabu fid-dokumenti 11105/18⁷ u 12677/18.

III. KONKLUŻJONI

Matul il-Presidenza Awstrijaka sar progress tanġibbli fil-kwistjonijiet diskussi. Minkejja l-appoġġ wiesa' għall-oġettivi tad-Direttiva proposta, ser ikun hemm bżonn ta' ħidma teknika u aktar diskussjonijiet politiċi estensivi qabel ma tintlaħaq l-unanimità meħtieġa fil-Kunsill.

⁷ Ara wkoll id-dokumenti 12955/18 u 12956/18 (li ser jitqassmu fi żmien debitu).